# Madonna Ta' Pinu

Sena XXXIII Vol XIII Nru. 163 Ottubru - Diċembru 2012



"Twieled minn Marija Verġni"

Kredu tal-Appostli

Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex

**Madonna Ta' Pinu**
Perjodiku ta' kull tliet xhur

**Sena XXXIII Vol XIII Nru. 163**
**Ottubru - Diċembru 2012**



**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Mikiel Galea, Francesco Pio Attard, Ivan Attard, Edward Depasquale.


*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*


**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
*L-Editur, "Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187 Fax: 2156 2350*
*E-mail: tapinupublications@tapinu.org*


**Abbonament għas-sena 2013:**

| | |
|---|---|
| *Lokali* | € 6.00 |
| *Ewropa* | € 14.00 |
| *Barra mill-Ewropa* | € 18.00 |
| *Sostenitur* | Offerta Libera |

**Tinsiex iġġedded l-Abbonament għas-sena 2013**



**Ritratti tal-Qoxra**
***Quddiem:*** Dettal ta' xogħol fil-mużajk li juri t-Twelid ta' Kristu maħdum minn M. Rupnik.

***Wara:*** Il-Proġett tal-Parkeġġ il-ġdid.

***Ritratti***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu, Gerard Buhagiar, Daniel Cilia, Joseph Louis Meilaq, Joseph Xuereb, Max Xuereb.*


**stampar:** jdbprinting - tel: 2155 2219



© Copyright Ta' Pinu Publications 2012
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*


## *F'din il-Ħarġa...*


**1** Il-Kelma tar-Rettur *Tifkira ħajja, tifkira ta' veru...*

**3** Marija: Mudell u Gwida fil-Pellegrinaġġ tal-Fidi tagħna (2 parti)

**7** "U ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha."

**10** Mons. Charles J. Scicluna fis-Santwarju Ta' Pinu

**11** Ir-restawr fid-Dar ta' Karmni Grima riesaq lejn it-tmiem...

**12** Nemmnu li l-Iben ta' Alla sar bniedem mill-Ispirtu s-Santu u twieled minn Marija...

**13** Il-fidi ta' Marija fil-Misteru tat-twelid ta' Binha Ġesu`

**15** Marija fil-Mużika

**17** Ħsibijiet tal-Papiet dwar il-Maternita` ta' Marija

**19** *English Corner* Mary's Faith in the Incarnation

**21** Mid-Dinja Marjana

**24** Servizz ta' *Counselling* għall-famija

**26** Mill-Ħajja tas-Santwarju

**30** Conservation Report (6)

**36** L-Għanja tal-Qaddejja Is-17-il parti

**38** Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

**40** Preżentazzjonijiet tat-Tfal


### *Intenzjoni ta' din il-Ħarġa*



**Inpoġġu taħt il-ħarsa materna tal-Verġni Marija lil Isqof Mons. Charles J. Scicluna fil-Ministeru Episkopali tiegħu**




# Tifkira ħajja, tifkira ta' veru...

F'din is-Sena tal-Fidi naħseb li hija ħaġa meħtieġa li kull wieħed minna, propju f'dan iż-żmien li fih qed infakkru t-Twelid tas-Salvatur tagħna minn Marija Verġni, jistaqsi ftit lilu nnifsu u jgħid: Imma jien fejn wasalt fil-mixja tiegħi tal-fidi? Qed nimxi xi pass, jew waqaft minnħabba l-għeja, il-biża', id-dubji u l-bruda?

Ngħiduha kif inhi, illum mhux daqshekk faċli li wieħed jimxi b'ċerta ħeffa f'din it-triq: l-ewwel u qabel kollox għaliex li timxi t-triq tal-fidi qatt ma kienet xi ħaġa ħafifa; u t-tieni għax ninsabu ngħixu, forsi aktar minn qabel, f'dinja aktar sekularizzata fejn ħafna ideoloġiji qed ikunu ta' xkiel għal min irid jimxi f'din it-triq. Ħafna huma dawk li jgħidulek li l-fidi hija ideoloġija bħal ħafna oħrajn. Issib min jgħidlek li l-fidi hija xi ħaġa tan-nanniet, għadda żmienha, waqt li oħrajn jgħidulek li l-fidi hi saħansitra aljenazzjoni jew ħarba mir-realtà tal-ħajja. Nistgħu ngħidu li qed ngħixu f'dinja ateista, fejn il-"*fidili*" (kelma użata sa mill-bidu nett tal-Kristjaneżmu biex biha jissejħu dawk li ħaddnu l-fidi fi Kristu u rċevew il-Magħmudija) f'ħafna pajjiżi qed jiġu anki ppersegwitati. Bil-kelma "*ippersegwitati*" m'iniex nifhem biss dawk li qed jiġu maqtula, iżda fl-hekk imsejħa pajjiżi żviluppati, fl-Ewropa u anki f'pajjiżna qed tintuża persekuzzjoni fina u moħbija, persekuzzjoni psikoloġika, persekuzzjoni ta' emarġinazzjoni. Qed tinbet l-idea li min hu bniedem ta' Kristu u tal-Knisja, mhux bniedem modern li jimxi maż-żminijiet. X'ser nagħmlu quddiem dan kollu?

Niġġeddu fil-fidi tagħna, ngħarblu l-atteġġjamenti tagħna u nżommu sod, għaliex il-bniedem "*fidil*" mhux bniedem iblah, iżda huwa l-bniedem li jimxi fuq il-Kelma ta' Alla, u għalhekk jgħoddu ferm tajjeb il-kelmiet ta' Ġwanni fl-Ewwel Ittra tiegħu meta jikteb: "*Għax din hi l-imħabba ta' Alla, li nżommu l-Kmandamenti tiegħu; u l-Kmandamenti tiegħu mhumiex tqal; għax kulmin hu mwieled minn Alla jegħleb lid-dinja. Din hi r-rebħa fuq id-dinja: il-fidi tagħna. Għax min hu dak li jegħleb lid-dinja, jekk mhux min jemmen li Ġesù hu l-Iben ta' Alla?*" (5:4-5).





Għalhekk din id-darba għażilna li s-suġġett tal-ħarġa jkun marbut ma' dak li nemmnu u nistqarru. Aħna nemmnu li l-Iben ta' Alla sar bniedem bħalna u għammar fostna, u dan għaliex "*kien imnissel mill-Ispirtu s-Santu u twieled mill-Verġni Marija*".

Għandu raġun il-Papa Benedittu XVI fl-Ittra Appostolika tiegħu *Porta Fidei* jgħidilna li "*il-'bieb tal-fidi'* (Atti 14:27) *hu dejjem miftuħ għalina biex iwassalna għall-ħajja ta' komunjoni ma' Alla u joffrilna d-daħla fil-Knisja tiegħu. Dan il-pass inkunu nistgħu nagħmluh meta titħabbrilna l-Kelma u nħallu l-grazzja tibdilna u tiffurmana. Nidħlu minn dak il-bieb ifisser li nibdew vjaġġ li jdum ħajjitna kollha*". Hawnhekk, f'dawn il-kelmiet, hemm moħbija l-ħajja kollha kemm hi tal-Verġni Marija, hemm miktuba l-mixja ta' kull Nisrani li bħal Marija jeħtieġ li l-ewwel u qabel kollox jisma' mill-qalb il-Kelma ta' Alla li lilu tiġi mħabbra u li joqgħod għaliha. "*Toqgħod għall-Kelma*" ta' Alla ma jfissirx li taċċetta kollox b'mod passiv jew indifferenti. Toqgħod għall-Kelma jfisser li tagħmel bħal Marija, tiftaħ qalbek għal Alla, titkellem miegħu, tħalli l-Ispirtu s-Santu jimliek bil-grazzja tiegħu biex fik u f'qalbek jitnissel mill-ġdid il-Mulej, is-Salvatur. Għandu raġun il-Konċilju Vatikan II jippreżentalna lill-Verġni Marija bħala mudell u xbieha ħajja tal-Knisja u tan-Nisrani.

Kemm huma profetiċi l-kelmiet tal-Beatu Papa Ġwanni Pawlu II meta fl-Ittra Appostolika *Rosarium Virginis*, f'paragrafu 10, jgħidilna: "*F'Marija għandna l-aqwa mudell biex nikkontemplaw lil Kristu. Il-wiċċ ta' Kristu huwa b'mod waħdieni ta' Marija. Hu ssawwar f'ġufha, ħa mingħandha xebh uman li juri intimità spiritwali ħafna akbar. Ħadd ma ddedika ruħu għall-kontemplazzjoni tal-wiċċ ta' Kristu bħalma ddedikat ruħha hi. Hi tefgħet il-ħarsa ta' ruħha fuqu sa mit-Tħabbira, meta hu tnissel fiha bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Fix-xhur ta' wara ħasset il-preżenza tiegħu fiha u ġabet quddiem għajnejha l-fattizzi tiegħu. Meta wasal iż-żmien u wilditu f'Betlehem, hi tefgħet il-ħarsa tenera tagħha fuq wiċċ Binha, waqt li 'fisqietu u medditu f'maxtura'* (ara Lq 2:7)"!

Ejjew nużaw tajjeb dawn il-ġranet tal-Milied, u noqogħdu attenti li dan iż-żmien ma jkunx żmien ta' aljenazzjoni, fejn nitilfu s-sens veru tal-Milied. Il-Milied mhux sempliċement żmien ta' festi, btajjel, rigali u ikliet. Żmien il-Milied huwa żmien tat-*tifkira vera u ħajja* ta' meta l-Iben ta' Alla sar bniedem bħalna, twieled minn Marija u għammar fostna. Il-Milied hu żmien li fih in-Nisrani jieqaf biex bl-għajnejn ta' Marija jiffissa ħarstu fuq l-akbar rigal ta' Alla lill-bniedem: Ibnu l-għażiż. Għal dawk li jemmnu, il-Milied huwa żmien li fih nikbru fil-fidi tiegħi, biex bħall-Verġni Marija nintebħu bil-preżenza ħajja ta' Alla fostna u hekk b'ħarsitna fuqu aħna nagħżlu li nkomplu nimxu warajh sakemm naslu fis-Sema pajjiżna.

Il-Verġni Marija, l-Omm tas-Salvatur u ta' dawk kollha li minnu ġew mifdija, tkompli timxi magħna fit-triq tal-fidi biex bħalha aħna nikbru fil-fidi, nitqawwew fit-tama u nikbru fl-imħabba lejn Alla u lejn xulxin. Hekk biss il-bniedem isib fih il-paċi u jinbidel fi strument tal-paċi.

*Il-Paċi tal-Mulej Ġesù, li twieled minn Marija Verġni u għadu ħaj fostna permezz tal-Knisja tiegħu, tgħammar f'qalbkom u fil-familji tagħkom.*

Minn dakinhar, il-ħarsa tagħha, dejjem aktar mimlija mħabba, ma nqalgħet qatt minn fuqu. ♦



# Marija: Mudell u Gwida fil-Pellegrinaġġ tal-Fidi tagħna

**(It-2 Parti)**

**minn Mons. Renato Borg**

## Il-fidi ta' Marija fit-twelid ta' Binha Ġesù

Il-ġrajja tat-twelid u l-miġja ta' bniedem ġdid fid-dinja tqajjem ħafna mistoqsijiet u fl-istess ħin stagħġib quddiem il-ħolqien ta' bniedem ġdid. Il-bniedem jinħakem minn sens kbir ta' qawwa, għaliex iħossu koperatur u sieħeb ma' Alla l-Ħallieq. Fl-istess ħin iħoss sens kbir ta' radd il-ħajr, għax il-ħajja hija dejjem don li Alla l-Ħallieq jagħmel lill-koppja partikulari u fl-istess ħin lis-soċjetà umana kollha kemm hi.

Iżda kull ħajja ġġib magħha ċerti mistoqsijiet... Kif ser ikun dan l-iben jew din il-bint? X'ser ikun 'il quddiem? Ser isib ambjent li jilqgħu, jew ser ikollu jħabbat wiċċu ma' ostilità forsi anki minn niesu stess? It-twelid ta' Ġesù Kristu minn Marija mhux biss kien il-ħolqien ta' bniedem ġdid, iżda kien fuq kollox dak tal-Iben ta' Alla li sar bniedem bħalna. Jekk kull miġja ta' tarbija titlob il fidi f'Alla l Ħallieq, kemm iktar kien ġrajja ta' fidi għax-xebba Marija t-twelid ta' Kristu, veru Alla u veru bniedem!

## Il-fidi tal-omm

Bruno Forte josserva li fil-ħajja ta' Ġesù, l-omm kellha rwol deċiżiv. Dan għaliex għal-Lhud hija l-mara li tgħaddi lill-wild is-sens ta' appartenenza għall-poplu l-magħżul. Dan ifisser li hu meqjus Lhudi min jitwieled minn mara Lhudija. Barra minn hekk, hija l-mara li tiġġenera l-iben tagħha għall-kuxjenza tal-Patt ma' Alla, fuq kollox permezz tal-ħajja tal-familja. Il-kuntest tad-dar huwa meqjus "tempju ċkejken", li fih il-mejda hija "l-altar" u l-mara hija responsabbli mil-liturġija tad-dar u mill-ħarsien tal-liġijiet ta' purifikazzjoni li jirregolaw il-ħajja ta' kuljum. Għalhekk Marija, quddiem it-twelid ta' Binha Ġesù, għarfet li l-Mulej Alla l-Għoli kellu jkun wieħed mill-poplu l-magħżul ta' Alla, minn ġensha, Lhudi.[1]

Kif ħassitha Marija meta beda joqrob il-jum tat-twelid ta' Ġesù Kristu u hi taf li bħala omm, mhux biss kellha tiled l-Iben ta' Alla l-Għoli, iżda kellha wkoll tiġġenerah fid-dawl tal-Patt li Alla għamel mal-poplu l-magħżul tiegħu? Hija taf li dan binha kien l-istess Alla li waqqaf il-Patt, iżda bħala bniedem kellu bżonn tagħha biex jitgħallem dak il-Patt ta' mħabba, fejn Alla fil-ħniena tiegħu kien dejjem fidil, għad li l-poplu li hi

kienet tagħmel parti minnu mhux dejjem ħares dan il-Patt; anzi, ġieli tbiegħed minn dak Alla li għażlu, ħelsu mill-art tal-Eġittu u għamel miegħu ħwejjeġ kbar, minkejja li hu kien ġera wara allat oħra. Dak l-istess Alla issa kien ser ikun f'dirgħajha, trid tfisqih u tagħtih dik l-imħabba ta' omm.

Il-kittieb u ħassieb Jean Guitton għandu paġna fi ktieb tiegħu ddedikat lill-Verġni Mbierka fejn jilmaħħa bil-Bambin Ġesù f'ħoġorha, tgħallmu dawk l-istejjer tal-Patt il-Qadim u tfissirlu dak kollu li Alla għamel mal-poplu l-magħżul tiegħu. Riedet tkun fidi soda, qawwija u fl-istess ħin sempliċi dik ta' Marija biex fl-istess mument li hija bħala omm ħarset il-ħtiġijiet tat-tarbija tagħha, ħarset ukoll lejn dak binha bħala l-Iben ta' Alla l-Ħaj.

It-tradizzjoni rabbinika tinsisti li t-Torah rivelat fuq is-Sinaj kien mogħti l-ewwel lin-nisa, għaliex mingħajrhom il-ħajja Lhudija ma kinitx tkun possibbli, u għalhekk tistieden lill-irġiel biex "jisimgħu" min-nisa tagħhom, għaliex kien propju mertu tagħhom li l-barka laħqet il-familja. Il-familja, għalhekk, fil-ħajja Lhudija ssir in-nukleu importanti, fejn fl-intern huwa importanti ħafna r-rwol tal-mara. Skond l-imgħallmin Lhud, huwa dmir tal-irġiel li jgħallmu l-kontenut tar-Rivelazzjoni, it-Torah u t-Talmud, filwaqt li n-nisa għandhom id-dmir li jgħaddu l-esperjenza tar-Rivelazzjoni, is-sens tal-misteru, li mingħajrhom il-kontenut ma jkollux valur u l-istudju tagħhom ikun sempliċement eżerċizzju ta' tagħrif.

Il-Verġni Marija kellha tgħaddi lil Binha Ġesù propju dan is-sens ta' misteru meta hu nnifsu kien dak il-misteru, l-istess Misteru. Hija dejjem il-mara li tixgħel u tbierek id-dwal tas-Sibt, sinjal tad-don tal-ħajja. Marija kienet taf li mat-twelid ta' Binha Ġesù kellha tagħmel din iċ-ċelebrazzjoni fil-preżenza ta' dak li huwa Sid il-ħajja.

Marija hija dik l-omm attenta u ħelwa, tgħix l-istennija, is-skiet, il-ferħat u l-provi li kull omm hi msejħa tgħaddi minnhom: għandu tifsira l-fatt li mhux dejjem kienet tifhem kollox dwaru.[2] Hija timxi 'l quddiem, tafda f'Alla, tħobb u tipproteġi bil-mod tagħha lil dak l-Iben, ħekk żgħir u kbir, b'taħlita ta' rabtiet u distakk ta' tbatija, li jagħmlu minnha mudell ta' maternità: l-ulied jiġu mwielda fit-tbatija u fl-imħabba matul il-ħajja kollha! Hekk Marija hija eżempju ta' omm, kapaċi twettaq azzjoni edukattiva magħmula mill-qsim tat-teżor ta' qalbha, paċenzjuża u soda, timxi 'l quddiem u fiduċjuża f'Alla l-Għoli.

Tajjeb li l-ġenituri, fuq l-eżempju ta' Marija, jitħabtu biex ikunu bħalma kienet Marija f'relazzjoni ma' Binha Ġesù: qrib uliedhom bil-ħlewwa u jirrispettaw il-libertà u l-misteru tagħhom. Lesti l-ġenituri li fl-edukazzjoni ta' wliedhom jafdaw kollox f'idejn Alla mingħajr ma jaħarbu minn ebda responsabbiltà tagħhom? Kapaċi jisimgħu lill-oħrajn, mingħajr ma jonqsu li jkunu xhieda għal uliedhom fil-verità li kapaċi teħles u ssalva?

## Il-fidi ta' Marija quddiem l-umiltà ta' Alla

Il-Kardinal Angelo Comastri, fil-Katekeżi li ta fl-20 ta' Ottubru 2012 lill-komunità pastorali ta' Dugnano-Incirano, josserva li Marija, meta marret lura Nazareth wara t-tliet xhur li għamlet mal-qariba tagħha Eliżabetta, kienet tidher li kienet tqila. San Mattew jirrakkontalna kif San Ġużepp ħassu mifxul dwar il-maternità ta' Marija.[3] Madankollu Marija ma tintervjenix, għaliex kellha l-umiltà li tistenna, kellha l-kapaċità li tibqa' kalma għaliex taf li Alla għandu ż-żmien tiegħu! Alla m'għandux għaġla u Marija min-naħa tagħha ma tisfurzax biex tiġi ċċarata l-pożizzjoni tagħha. Kif nafu mill-Vanġelu ta' San Mattew, Alla jagħtiha raġun, għaliex Ġużeppi jieħu lil Marija u jdaħħalha f'daru. Il-fidi ta' Marija hija fidi umli, fidi li fil-mument li tagħraf il-kobor ta' Dak li jista' kollox, tagħraf ukoll il-limiti tal-ħlejqa li huwa l-bniedem. Għandha fiduċja sħiħa f'dak li jrid Alla minnha u għalhekk tistenna li jkun Alla nnifsu li jdawwal is-sitwazzjoni tagħha



quddiem l-oħrajn. Marija kapaċi tistenna għaliex fil-fidi tagħha taf li l-kelma tiegħu qatt ma tiġi nieqsa.

Ruma tordna li jsir ċensiment mal-imperu kollu, u allura jitilqu lejn Betlehem biex hemm jinkitbu, għax Ġużeppi kien minn dawk l-inħawi. Meta waslu Betlehem, l-evanġelista Luqa jgħidilna li ma kienx hemm post għalihom fejn Marija setgħet tiled lil Binha Ġesù. Hi sitwazzjoni hekk kiefra, u kieku Ġużeppi u Marija ma kellhomx fidi qawwija f'Alla, żgur li kienu jidħlu fi kriżi kbira. Dak li ħalaq kull post ma jsibx post fejn jilqgħu: "*Ġie f'daru u niesu ma laqgħuhx*". Dak li ser ikun "*Kbir*", imsejjaħ "*Iben ta' Alla l-Għoli*", dak "*li joqgħod fuq it-tron ta' David missieru*", dak li "*joqgħod fuq id-dar ta' Ġakobb*" u li "*saltnatu ma jkollhiex tmiem*", propju dan ma kienx hemm post għalih. Huwa kuntrast kbir! Kieku konna aħna, żgur li konna nidħlu fi kriżi.

Marija f'dan kollu tiskopri li Alla huwa umli. San Franġisk ta' Assisi jikkommovi ruħu quddiem l-umiltà ta' Alla u f'diversi eżortazzjonijiet kemm-il darba jesklama: "*O umiltà ta' Alla! O umiltà ta' Alla!*". Marija mhux biss tagħraf li Alla huwa umli, iżda hi nfisha timxi ma' Alla fit-triq tal-umiltà. Din l-umiltà tkompli tidher meta Marija poġġiet f'maxtura qalb it-tiben lil Dak li hu "*l-Iben ta' Alla l-Għoli... li joqgħod fuq it-tron ta' David*". It-tron tiegħu huwa l-maxtura tal-annimali. Marija tobdi, Marija tafda f'Alla, Marija temmen.

## Il-qawwa tal-fidi ta' Marija kienet fis-sempliċità

Il-Kardinal Carlo Maria Martini, f'messaġġ li kiteb minn Ġerusalemm f'Diċembru 2006, kien stqarr li l-Misteru tal-Milied, it-Twelid ta' Ġesù f'Betlehem, huwa estremament sempliċi. Hu misteru li mas-sempliċità tiegħu hemm imsieħba l-faqar u l-ferħ. Diffiċli tgħaqqad dawn it-tliet aspetti flimkien: sempliċità, faqar u ferħ; il-Misteru tal-Milied jgħaqqadhom flimkien fil-persuna ta' Marija.

Il-Misteru tal-Milied huwa misteru ta' faqar, ta' min jiċċekken. Kristu, li kien għani, ċekken lilu nnifsu biex isir wieħed bħalna, biex juri mħabbtu lejna, b'mod partikolari lejn il-foqra. Biex wieħed jifhem dan kollu, jeħtieġ li jkollu l-ħarsa tal-fidi, il-fidi ta' wieħed ċkejken li għalih hija s-Saltna tas-Smewwiet. Kif qal Ġesù: "*Jekk għajnek hija sempliċi, anki ġismek huwa kollu kemm hu fid-dawl*".[4] Is-sempliċità tal-fidi ddawwal ħajjitna kollha u tgħinna nilqgħu l-ħwejjeġ kbar ta' Alla f'ħajjitna. Il-fidi tiġi mill-imħabba, hija dik il-kapaċità ġdida li tiġi meta nħossuna maħbuba minn Alla. Il-frott ta' dan kollu nsibuh f'dak li jgħid San Ġwann: "*Aħna rajna b'għajnejna, ikkontemplajna, missejna b'idejna l-Verb tal-ħajja, għaliex il-ħajja saret viżibbli*".[5] Dan sar possibbli biex il-ferħ tagħna jkun sħiħ. Dan ma jgħoddx għal dawk li għexu fi żmien Ġesù, b'mod partikolari għal Ġużeppi u Marija, iżda jgħodd għalina lkoll, għaliex anki fi żmienna, fil-ħajja ta' kuljum, Kristu jidher u jagħmilha possibbli

għalina li niltaqgħu miegħu. Għalhekk dak il-ferħ li dwaru jitkellem San Ġwann japplika għalina wkoll. Kristu jidher u nistgħu niltaqgħu miegħu ta' kuljum fil-proxxmu tagħna li aħna msejħin inħobbu, fit-triq tas-Salib, fit-talb u fl-Ewkaristija, u b'mod partikolari fl-Ewkaristija tal-Milied li timliena bil-ferħ.

Jekk il-miġja ta' Ġesù fid-dinja seħħet hekk b'mod sempliċi, anki l-fidi għandha tkun waħda sempliċi. Huwa veru li aħna nsibu min jgħid li llum huwa diffiċli ħafna li tkun temmen f'dinja bħal tagħna. Hemm min jgħidlek li l-fidi qiegħda f'riskju li tegħreq fil-baħar tal-indifferenza jew tar-relattiviżmu tal-lum. Mhumiex ftit dawk li jaraw li l-fidi qed tiġi mwarrba mid-diskorsi l-kbar tax-xjenza dwar il-bniedem u l-univers. Wieħed ma jistax jiċħad il-fatt li fiż-żminijiet li qegħdin ngħixu fihom sar iktar diffiċli li wieħed jiżviluppa argumenti razzjonali li joffru l-possibbiltà li wieħed jemmen.

San Pawl jgħallimna li biex wieħed jemmen, biżżejjed il-fomm u l-qalb. Għal San Pawl, meta l-qalb immexxija mill-Ispirtu s-Santu, li hu mogħti għalina b'abbundanza,[6] temmen li Alla qajjem mill-imwiet lil Ġesù, u l-fomm ixandar din il-verità, allura aħna salvati.[7] Huwa veru li l-kultura tal-Punent u dik tal-Lvant, fit-tfittxija tagħhom permezz tat-teoloġija u l-filosofija biex jinżlu iktar fil-fond tal-fidi, ġieli kkumplikaw ħafna iżjed it-twemmin tagħna f'Alla li deher f'Ġesù Kristu. Imma ma rridux ninsew li, fl-aħħar mill-aħħar, li wieħed jemmen huwa ġest sempliċi, ġest tal-qalb li tintelaq f'idejn Alla u li xxandar il-Kelma li Ġesù qam mill-imwiet, li Ġesù huwa l-Mulej. Dan għaliex l-att tal-fidi fil-qofol tiegħu huwa att sempliċi, att ta' abbandun u ta' fiduċja.

Għalhekk f'Marija aħna għandna niskopru mill-ġdid din is-sempliċità fil-fidi, li ddawwal ħajjitna u tgħinna naffrontaw il-kumplessività tal-ħajja mingħajr ħafna tħassib u beżgħat. Jalla l-Verġni Mbierka tgħinna nkunu sempliċi u disponibbli għall-grazzja, ħalli nkunu nistgħu mmissu b'idejna l-misteru li deher fil-Verb li sar laħam (bniedem) u flimkien magħha nesperimentaw f'ħajjitna kif il-ferħ perfett huwa possibbli minkejja t-tbatija u l-weġgħat ta' kuljum. ♦

**Riferenzi**

1 Bruno Forte, Ittra Pastorali (Messaġġ) tar-Randan bi tħejjija għas-Sena tal-Fidi, *Marija ta' Nazareth: Verġni, omm u mara miżżewġa*, 20 ta' Marzu 2012, 3.
2 Ara t-tweġiba ta' Ġesù f'Lq 2:50, wara li sabitu fit-Tempju.
3 Ara Mt 1.
4 Mt 6:22.
5 1 Ġw 1:1-3.
6 Rum 5:5; Ġw 3:34.
7 Rum 10:8-12.





**ĠEDDED *l-Abbonament***

**fir-rivista għas-sena 2013**

**Abbonament għas-sena 2013**

- Lokali: **€6.00**
- Ewropa: **€ 14.00**
- Barra mill-Ewropa: **€ 18.00**
- Sostenitur: **Offerta Libera**

*Ibgħat id-dettalji tiegħek flimkien mal-ħlas lill-Editur, Santwarju Madonna Ta' Pinu, Ta' Pinu, Għarb GRB 1704, Għawdex.*

# "U ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha"

**(Lq 2:19)**

**minn Mons. Lawrenz Sciberras**



B'dawn il-kelmiet hekk suġġestivi u profondi, Luqa jagħlaq l-ewwel parti tal-Vanġelu tiegħu li tittratta t-twelid mirakuluż ta' Ġesù fil-belt ta' David, Betlehem. Qegħdin fil-kuntest sħiħ tat-twelid ta' Ġesù. Tassew għandna għaliex irroddu ħajr lil dan l-evanġelista - tinsewx li Luqa ma kienx Appostlu - għal ħafna dettalji u rqaqat oħra dwar l-ewwel ftit snin ta' Ġesù hawn fuq l-art.

## Ġesù u ommu Marija

Mhux ta' min jinsa li maġenb Ġesù fl-għar ta' Betlehem kien hemm ukoll ommu, li kienet qed tosserva u tirrifletti ħafna fil-fond ta' "qalbha" dwar dak kollu li hija u hija biss kienet qed tħoss u ġġarrab. Il-fidi tagħha biss wasslitha biex taċċetta dan kollu. F'dan l-artiklu se naraw u nirriflettu dwar din ir-realtà ta' waqtiet ta' fidi ta' din ix-xebba ta' Nazareth.

Malli r-rgħajja ħarġu mill-għar, Luqa jikkonkludi hekk: "*Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha*" (2:19). Għax kurjuża din... dawk ir-rgħajja ta' Bet Sahur kif u minn min saru jafu bit-twelid ta' din it-tarbija? Għal Marija omm, u xejn anqas għal żewġha Ġużeppi, kollox kien għadu mistur u mgeżwer fil-misteru. Anki għan-nies tad-dinja, kollox kien għadu moħbi. Il-*fidi biss* setgħet tgħin u tqawwi l-andament ta' Marija u Ġużeppi. Għax hu "*feraq is-smewwiet u niżel*" (2 Sam 22:10).

## Alla fostna

Il-Kredu tal-Appostli jistqarr il-fidi tal-ġrajja dinjija tal-Milied: "*Natus de Spiritu Sancto ex Maria Virgine*", "*U ħa l-ġisem bis-setgħa tal-Ispirtu s-Santu minn Marija Verġni u sar bniedem*" Ma' dawn inżidu kliem l-Appostlu Pawlu: "*Meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi*" (Gal 4:4).

Fid-deskrizzjoni tat-twelid ta' Ġesù f'Betlehem jinfetħu żewġ orizzonti donnhom kontra xulxin: f'wieħed hemm il-faqar estrem



ta' din id-dinja, fl-ieħor imbagħad jingħaqdu s-sinjali tas-sema, l-anġli u l-kewkba. Din il-ġrajja tant mixtieqa hija wkoll it-tokk tal-ftuħ tar-raba' Vanġelu: "*U l-Verb sar bniedem u għammar fostna*" (Ġw 1:14). Litteralment tfisser "*għamel it-tinda, l-għarix ġskenounħ fostna*". Interessanti kif din il-kelma Griega *skenoun* fiha wkoll it-tliet konsonanti radikali tal-kelma Lhudija *shekinah*, s-k-n. Din hija l-kelma teknika fil-Bibbja li tfisser *il-preżenza divina fil-Maqdes ta' Ġerusalemm* taħt is-simbolu ta' sħaba (ara 1 Slat 8:10). Mela dak li fit-Tempju ta' żmien Salamun kien biss simbolu, issa sar realtà *fil-ġuf safi ta' Marija* biex fil-milja taż-żmien twieled Bambin fostna l-bnedmin. Bir-raġun, għalhekk, quddiem dan il-misteru Luqa jikkonkludi: "*Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bjen ruħha*" (Lq 2:19).

Anki fil-Protovanġelu ta' Ġakbu, fejn hemm imsemmija ż-żewġ annimali, jiġifieri l-baqra u l-ħmar, ir-riferenza qiegħda għal Isaija: "*Il-gendus jagħraf lil sidu, u l-ħmar il-maxtura ta' sidu*" (Is 1:3). Issa f'dan l-ambjent ta' ferħ u serħan tal-Milied, sewwa li nfakkru fit-tagħlim ta' San Ljun il-Kbir, li fost l-oħrajn iqabbel lil Marija mħassba, tirrifletti u taħseb bil-fidi kollha dwar dak kollu li kienet għadha kemm għaddiet minnu.

"*Tassew hija ħaġa xierqa u ta' għaqal, ġusta u sewwa, li rroddulek ħajr, o Alla li tista' kollox u etern, għaliex Kristu Ġesù Sidna ġie jżur id-dinja. Għall-imħabba tagħna niżel mis-Sema, u ħareġ mis-santwarju tal-ġisem tal-Verġni. Marija l-imbierka saret it-tempju prezzjuż li jħares is-Sultan tas-slaten. Biex jitħassar id-dnub tagħna hija ġġenerat il-ħajja u din il-ħajja rebħet fuq il-mewt. Dak il-ġuf li ma kienx jaf ebda tebgħa mmerita li jilqa' fih 'l Alla. Twieled fid-dinja dak li dejjem għex fis-Smewwiet*".

## Tgħożż u taħseb

Darba waħda Ġesù qal: "*Min jitgħolla, jitbaxxa, u min jitbaxxa, jitgħolla*" (Mt 23:12). Din il-verità ssuqna biex bil-ħsieb tagħna niġru sal-għar ta' Betlehem, fejn hemm is-sema mess mal-art. Għax hu "*feraq is-smewwiet u niżel*" (2 Sam 22:10). Hemm ġew x'naraw? Għar tal-bhejjem, post li ma kien ta' ħadd u fl-istess ħin kien ta' kulħadd; għaliex kull vjaġġatur seta' jidħol hemm ġew biex jgħaddi l-lejl tiegħu fil-mistrieħ u l-għada flimkien mal-bhejjem tat-tagħbija jkompli l-mixja tiegħu. Għal dan il-post, il-Grieg jaqra *katalyma*, jiġifieri mkien fejn tħoll biex isserraħ aktarx il-bhejjem. Din kienet *l-għamara mħejjija għas-Sultan tas-slaten*.

Iżda l-vjaġġaturi li daħlu f'dak l-għar matul dak il-lejl biex jistkennu fih ma kinux bħal tas-soltu, ma kinux nies kwalunkwe. Dawn kienu Marija u Ġużeppi, tal-ewwel fil-mument tal-ħlas, tat-tieni mgħobbi bir-responsabbiltà kollha lejn martu Marija u issa wkoll lejn it-tarbija li waslet fl-aħħar mumenti biex titwieled. U dak li żmien qabel ġie mħabbar, seħħ tassew: *Marija tat lid-dinja t-tarbija li kellha f'ġufha.* Min hu kapaċi,

min jista' jasal biex jikteb u jiddeskrivi dak kollu li f'dak il-waqt Marija ħasset u ġarrbet f'qalbha? Għal għajnejn din id-dinja, Marija kellha lil żewġha Ġużeppi li jaqbeż għaliha, li jiddefendiha u jaħseb għal dak kollu li materjalment f'dak il-mument kellha tant bżonnu tassew.

Iżda fuq skala orizzontali, mela tas-Sema, *il-fidi biss u t-telqa sħiħa u totali* lil Marija omm setgħet tqawwilha qalbha u tinkuraġġiha biex tilqa' u taċċetta dan kollu mis-Sema. Bilfors allura li Marija, mitluqa kollha kemm hi f'Alla, kontinwament kompliet taħseb u tgħożż f'qalbha dak kollu li għadha kemm għaddiet minnu. Għandu raġun San Bernard meta jxebbah il-fidi tal-patrijarka Abraham ma' dik ta' Marija, l-aktar waqt dak il-mument tat-twelid. San Bernard jasal biex jikkonkludi li hawn Marija għaddiet u ġriet wisq aktar fil-fidi minn Abraham. Marija biss kienet taf u kienet konxja *min hija* dik it-tarbija; Marija biss kienet taf *kif u minn fejn* ġiet dik it-tarbija li issa qiegħda mfisqija fil-maxtura. Madankollu Marija kompliet tgħożż f'qalbha u f'moħħha dan kollu. Altru li riedet tkun biss il-fidi biex Marija taċċetta dan kollu.

## It-tifsira tar-rigali

Ġrajja oħra li kienet ta' okkażjoni biex Marija tkompli tgħożż f'qalbha u taħseb fuq dak kollu li rat u semgħet, hija dik tal-Maġi, nies li "*mil-Lvant ġew Ġerusalemm*" jistaqsu għas-sultan li kien għadu kemm twieled. U biex jgħolli l-prestiġju qawwi ta' din il-ġrajja, l-evanġelista jniżżel *żewġ dettalji profondi*, dettalji li jkomplu jikkawżaw tħassib kbir tassew lil omm it-tarbija, Marija. Dawn huma: (1) il-verb *"inxteħtu fl-art iqimuh"*; kif ukoll (2) *ir-rigali* li dawn in-nies mill-bogħod ġabu magħhom apposta: "*Offrewlu b'rigali deheb, inċens u mirra*" (Mt 2:11-12).

"*Inxteħtu fl-art*" u "*iqimuh*"... dawn huma ġesti marbuta kollhom kemm huma ma' Alla. F'waħda mit-tentazzjonijiet, ix-xitan ġarrab lil Ġesù b'din il-manjiera: "*Dawn kollha nagħtihom lilek jekk tinxteħet tadurani*" (Mt 4:9). Ġesù wieġeb billi kkwota l-Iskrittura: "*Hemm miktub: lill-Mulej, Alla tiegħek, għandek tadura, u lilu biss taqdi*". Meta Marija rat lil dawk it-tliet sinjuri dritt *jinxteħtu fl-art b'sinjal ta' adorazzjoni* - fil-Grieg hawn l-awrist tal-verb *pipto, ðéðôï* – quddiem binha tarbija Ġesù, hi aktar u aktar tħassbet f'qalbha. Ta' mara Lhudija li kienet, ikkonkludiet li dan il-ġest tal-Maġi "*jinxteħtu fl-art*" huwa ġest magħmul lil Alla biss u waħdu. Mela l-Maġi qegħdin jagħrfu f'dik it-tarbija *lil Alla nnifsu*, kif fil-verità hu.

It-tieni sinjal ta' tħassib għal Marija huwa preċiżament l-*inċens*. Dan il-materjal, li jitfa' tant fwieħa li tagħtik pjaċir ixxommha, huwa wkoll marbut ma' Alla, oġġett marbut ħafna mal-liturġija fit-Tempju: "*Ikun it-talb tiegħi bħal inċens quddiemek*" (Salm 140:2). Hawn ukoll Marija tħassbet waħda sew meta rat dak ir-rigal tal-Maġi. Għalhekk kompliet issaħħaħ il-fehma ċara flimkien mal-fidi tagħha dwar min kienet tassew dik it-tarbija, jiġifieri l-Għimmanweli, jew Alla-magħna.




B'dan kollu quddiem għajnejha, omm it-tarbija Ġesù, Marija, *kompliet issaħħaħ u tkabbar il-fidi tagħha* f'dak kollu li kienet qed tara u tisma'. Marija ma kellhiex kliem biex tfisser dan kollu, għajr li "*min-naħa tagħha baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha*".♦



# Mons. Charles J. Scicluna, l-Isqof Awżiljarju ġdid fis-Santwarju Ta' Pinu

Jumejn biss wara l-konsagrazzjoni tiegħu bħala isqof awżiljarju ta' Malta, nhar it-Tnejn 26 ta' Novembru 2012, l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Charles J. Scicluna għamel żjara fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Flimkien miegħu ġew wkoll l-Arċisqof ta' San Francisco Mons. Salvatore J. Cordileone u l-isqof awżiljarju elett tal-Arċidjoċesi ta' Boston, Mons. Robert P. Deeley. Wara li ġew milqugħa u mdawra mir-rettur mas-Santwarju Ta' Pinu, iċċeleberaw l-Ewkaristija u għaddew mumenti ta' Talb f'riġlejn il-Madonna Ta' Pinu. Ta min ifakkar li Mons. Scicluna fil-jiem ta' qabel l-ordinazzjoni episkopali tiegħu huwa bagħat xemgħa bl-istemma Episkolpali tiegħu biex tinxtegħel quddiem il-Madonna fil-jiem ta' qabel l-ordinazzjoni tiegħu. Infatti din ix-xemgħa tpoġġiet fuq l-artal tal-Madonna Ta' Pinu u ta' kull filgħaxija kien jingħad ir-ružarju skond l-intenzjoni tal-isqof Scicluna. Waqt li kien fis-skiet tal-kappella l-isqof Scicluna kiteb din it-talba ċkejkna lill-Madonna Ta' Pinu:





*Madonna Ta' Pinu,*
*Stedintna biex niġu f'riġlejk*
*u leħnek bil-ħlewwa tas-Sema*
*sejħilna biex niġu hawn ħdejk.*

*Għallimna nisimgħu il-Leħen*
*ta' Ibnek Ġesù Salvatur*
*għallimna li l-hena u l-għaqda*
*jinsabu fi kliem il-Maħtur.*

*Kun int Avukata ħanina*
*Kun int Omm ta' Barka u Sliem*
*Kun tagħna Sultana qawwija*
*Kun magħna llum u fit-tmiem*
*Ammen.*

***Iċ-Ċurkett bix-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu li l-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech irregala lil Mons. Scicluna f'isem id-Djoċesi ta' Għawdex fi tmiem tal-Pontifikal Solenni fil-Katidral ta' Għawdex nhar il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2012, li jaħbat ukoll jum il-Konsagrazzjoni tas-Santwarju Ta' Pinu li saret fl-1931.***



# Ir-Restawr fid-Dar ta' Karmni Grima riesaq lejn it-tmiem...











Il-lift li ġie nstallat biex id-dar tkun aċċessibli għal kulħadd



Parti mill-Pannelli Fotovoltajiċi li ġew installati fuq il-bjut tad-Dar

EUROPEAN REGIONAL DEVELOPMENT FUND
MALTA 2007-2013

Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013
*Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life*
Contract part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 72.25% EU funds; 12.75% National Funds; 15% NGOs

***Investing in your future***

**Proġett: "Niskopru Turiżmu Kulturali u Reliġjuż f'Għawdex - ERDF 140"**



# Nemmnu li l-Iben ta' Alla sar bniedem mill-Ispirtu s-Santu u twieled minn Marija Verġni

**minn Patri Anton Farrugia, ofm**

Il-Knisja tieħu kliem l-evanġelista San Ġwann: "*Il-Verb sar bniedem*" (1:14), u ssejjaħ *Inkarnazzjoni* l-fatt li l-Iben ta' Alla ħa n-natura tagħna l-bnedmin. Il-qaddis tagħna Dun Ġorġ tant kellu għal qalbu dawn il-kelmiet li xerridhom ma' kullimkien bil-Latin: *"Verbum Dei caro factum est"*, u ried li l-membri tal-*Museum* jiddistingwu ruħhom billi jġibuhom fuqhom f'forma ta' *badge*.

Il-fidi tagħna fl-Inkarnazzjoni hi sinjal li jagħżel ir-reliġjon Nisranija minn kull twemmin ieħor. Il-fatt tal-Inkarnazzjoni ma jfissirx li Ġesù Kristu hu biċċa Alla u biċċa bniedem, jew taħlita tad-divin u l-uman. Sar bniedem tassew u baqa' Alla tassew. Għalhekk aħna nistqarru li Ġesù Kristu huwa veru Alla u veru bniedem. Kif nitolbu mal-Knisja kollha fil-Prefazju li jingħad fi żmien il-Milied, fil-ġisem ta' Ġesù, "*Alla li ma nistgħux narawh, rajnieh fostna bħala bniedem*", tant li x-xbieha tiegħu, impinġija jew minquxa, nistgħu nqimuha.

Marija, ix-xbejba ta' Nazareth mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, ġiet mistiedna biex tnissel lil Dak li fih kellha tgħammar "*il-milja kollha tad-divinità fil-ġisem*" (Kol 2:9). It-tweġiba ta' Alla għall-mistoqsija ta' Marija: "*Kif ikun dan ladarba jiena verġni?*", ingħatat bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu Qaddis li fil-Kredu nistqarru bħala "*il-Mulej li jagħti l-ħajja*", jagħtiha li tnissel fiha l-Iben Etern tal-Missier b'ġisem meħud minn tagħha. Ġesù tnissel mill-Ispirtu mingħajr is-sehem tar-raġel. F'dan it-tnissil verġinali, il-Missirijiet qaddisa tal-Knisja jaraw sinjal li Ġesù huwa verament Bin Alla li ġie fid-dinja b'ġisem bħal tagħna. Mela dak li ġie mnissel bħala bniedem mill-Ispirtu s-Santu u twieled minn Marija Verġni mhuwa ħadd ħlief l-Iben Etern tal-Missier Alla. Għalhekk il-Knisja tistqarr li l-Verġni Marija hi tassew Omm Alla u fl-ewwel jum ta' kull sena tiċċelebra l-Maternità Divina tagħha.

Din hi l-fidi tagħna! Din hija l-fidi li aħna ser niċċelebraw fil-ġranet sbieħ tal-Milied... ♦

# Il-Fidi ta' Marija fil-Misteru tat-Twelid ta' Binha Ġesù

**minn Dun Alex Refalo**



Din id-darba ninsabu quddiemu ix-xena tat-Twelid ta' Ġesù Bambin. Marija tikkontempla tħares lejn it-tarbija mimduda f'maxtura.

Jekk fid-dar ta' Eliżabetta, Marija mtliet b'ferħ kbir hija u tfaħħar lil Alla, dan ma ġarax mal-wasla ta' Marija b'Betlehem, fejn Ġesù *"ġie f'daru u niesu ma laqgħuhx"* (Ġw 1:11), *"għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda"* (Lq 2:7). Il-lejl tal-Milied beda bħala wieħed mill-iljieli tal-fidi ta' Marija fejn hija ġarrbet dak li jaf jagħmel Alla ma' dawk li huma tiegħu: *"Għax Alla ġarrabhom u sabhom tajbin għalih. Bħad-deheb fin-nar ġarrabhom, u laqagħhom bħal vittma maħruqa kollha għalih"* (Għerf 3:5-6). Il-vers tal-ktieb tal-Għerf jibda hekk: *"Wara ftit ta' tbatija jiksbu ġid kbir"*. Il-ġid kbir li kisbet Marija wara li għaddiet minn dalma ta' tbatija u ta' fidi kien rifless f'dawn il-kelmiet: *"Tibżgħux, għax araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li se jkun għall-poplu kollu"* (Lq 2:10). Il-lejl mudlam ta' Marija f'Betlehem inbidel f'lejl ta' dawl u ta' ferħ.

Santu Wistin jistqarr li *"Marija kienet iktar kuntenta li tirċievi l-fidi ta' Kristu milli li tnissel il-ġisem tiegħu fiha. Lil dik li qaltlu: 'Imbierek il-ġuf li ġiebek fid-dinja', Kristu nnifsu wieġeb: 'Imma tassew ngħidlek, aktar hienja dawk li jisimgħu l-Kelma ta' Alla u jħarsuha' (Lq 11:27-28)... Li Marija kienet omm Kristu ma kien ifisser xejn jekk qabel hija ma ġarritux f'moħħha u qalbha"*. Il-fidi ta' Marija hija u tikkontempla lil Binha għandha l-għeruq tagħhom f'dak il-waqt meta għall-kelmiet tal-anġlu hija laqgħet fiha l-Kelma. *"Ha jsir minni skond kelmtek!"* (Lq 1:38).

Il-ħarsa ta' Marija fix-xena tat-Twelid tfisser tenerezza, adorazzjoni, tifħir u talb lil Alla. Tinsab hemm f'kontemplazzjoni ta' dak il-misteru li hu bil-wisq ikbar milli l-moħħ jista' jagħraf u l-qalb tista' tifhem. F'dik il-mara biss, kif jingħad fl-innu *Akàtistos*, il-qalb tal-bniedem u l-qalb ta' Alla kellhom taħbita waħda.

Sant'Ambroġ, fil-Kummentarju tiegħu għall-Vanġelu ta' Luqa, jgħid: "*Ħalli dik l-istess qalb ta' Marija tkun fina biex tfaħħar lill-Mulej; ħalli l-ispirtu ta' Marija jkun ukoll fina biex jifraħ f'Alla s-Salvatur tagħna*". F'dik ix-xena tat-Twelid, Marija trid twassalna nirrepetu t-talba ta' San Ġiljan Eymard: "*O Ommna Marija, ħallini nadura lil Ġesù miegħek, inbierku bit-tifħir tiegħek, nitolbu bit-talb tiegħek, naqdih bl-idejn tiegħek, inħobbu bil qalb tiegħek, infaħħru bil-qdusija tiegħek*".

"*Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha*" (Lq 2:19). Kull darba li Marija kienet tiltaqa' ma' ġrajjiet bħal tat-Twelid jew ma' persuni li jirrigwardaw lil Binha, kienet tagħmel dak li l-kelma Griega tgħidilna: *symbállein*, tqiegħed flimkien, tgħaqqad. Tipprova torbot flimkien dak li qed iseħħ ma' ħajjitha. Tipprova tfittex it-tifsira ta' dan kollu: X'qed jiġri minn Ibni u x'inhi r-relazzjoni tiegħi miegħu? Il-preżenza tiegħu x'qiegħda tgħidli bħalissa? Xi jfisser dan il-fatt għalija?



Marija qiegħda hemm timmedita u tikkontempla hija u tipprova tidħol fil-fond ta' dak li qed jiġri minnha u ta' dak li Alla qed ikompli jgħidilha. Għalhekk il-ġrajja tat-Twelid ta' Ġesù hija f'rabta kbira mal-fidi ta' Marija. ♦





**Rigal sabiħ lill-familji u lill-emigranti tagħna**

**KALENDARJU 2013**

**Jinkludi iktar minn 40 ritratt bil-kulur ta' Daniel Cilia u Joe Zammit**

**€2.50**

**Jinkiseb mis-Santwarju Ta' Pinu**



# Marija fil-Mużika (12)

minn Ivan Attard,
l-Organista tas-Santwarju Nazzjonali
tal-Madonna Ta' Pinu

## It-Tislima tal-*Ave Maria* (2)

Fl-artiklu ta' din il-ħarġa, ser inkomplu nitkellmu dwar diversi arranġamenti mużikali u kompożizzjonijiet tal-innu popolari Marjan, '*Ave Maria*', li l-lirika tiegħu hija meħuda mit-tislima li l-Arkanġlu Gabrijel ta lill-Verġni Immakulata Marija fil-jum tat-tħabbira tat-tnissil tal-Iben ta' Alla fil-ġuf safi tagħha. Ninsabu fi żmien il-Milied u ċertament li x-xena tal-Annunzjazzjoni hija ikona mill-aqwa li tista' tiggwidana biex ngħixu s-sens veru tas-Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.

L-ewwel kompożizzjoni li ser nitkellmu dwarha hija l-'*Ave Maria*' ta' **François-Clément Theodore Dubois**. Dan il-kompożitur Franċiż twieled nhar l-24 ta' Awwissu 1837 u miet nhar il-11 ta' Ġunju 1924. Minbarra li kellu għal qalbu l-kompożizzjoni, Dubois kien ukoll organista u għalliem tal-mużika. Huwa studju l-mużika, l-ewwel taħt id-direzzjoni ta' Louis Fanart (is-Surmast tal-Katidral ta' Reims) u wara kompla jiżviluppa t-talent tal-kompożizzjoni taħt Ambroise Thomas fil-Konservatorju ta' Pariġi. Fl-1868, Dubois ġie maħtur biex iservi bħala s-Surmast tal-Knisja ta' Santa Marija Maddalena fi Franza u fl-1871, huwa laħaq Surmast tal-Bażilika ta' Santa Klotilde, wara t-tmexxija abbli ta' César Franck, kompożitur ieħor Franċiż. Fl-1877, Dubois irritorna lejn il-Knisja ta' Santa Marija Maddalena fejn beda jagħti s-servizzi tiegħu ta' organista f'din il-Knisja wara l-organista Franċiż Camille Saint-Saëns. Mill-1871 'il quddiem, huwa sar għalliem regolari fil-Konservatorju ta' Pariġi fejn għallem diversi studenti. Theodore Dubois għandu diversi kompożizzjonijiet mużikali. L-aktar xogħol li jissemma huwa l-oratorju famuż '*Les sept paroles du Christ*' (is-seven kelmiet ta' Kristu) li jiffukaw dwar is-seba' frażijiet li lissen Ġesù fl-aħħar mumenti tal-ħajja tiegħu. Dubois għandu wkoll *toccata* sabiħa għall-orgni, miktuba fuq l-iskala G maġġuri. Dan il-kompożitur kiteb ukoll żewġ kotba dwar l-armonija mużikali u l-kontrapunt - '*Traite d'harmonie theorique et pratique*' u '*Traite de contrepoint et de fugue*'- li għandhom jintużaw sal-lum. Fost il-biċċiet mużikali li kiteb, dan il-kompożitur Franċiż għandu '*Ave Maria*' fuq l-istil romantiku għal vuċi solista (tenur jew sopran) bl-akkumpanjament tal-orgni.



**Camille Saint-Saëns**, kompożitur ieħor Fran'iż, għandu żewġ kompożizzjonijiet ibbażati fuq it-test tal-'*Ave Maria*', waħda

minnhom għal żewġ kontralti bl-akkumpanjament tal-orgni u l-oħra għal sopran solista bl-akkumpanjament tal-orgni. Charles Camille Saint-Saëns twieled fid-9 ta' Ottubru 1835 u miet fis-16 ta' Diċembru 1921. Huwa kien kompożitur, Surmast u pjanista. L-aktar xogħlijiet mużikali li għalihom hu magħruf huma '*The Carnival of Animals*', '*Danse macabre*', '*Samson and Delilah*', '*Piano Concerto no. 2*', '*Cello Concert no. 1*', '*Havanaise*' u s-Sinfonija numru 3 (sinfonija għall-orgni).



Kompożitur u organista Franċiż ieħor li għandu '*Ave Maria*' mill-isbaħ huwa **Gabriel Fauré** li twieled fit-12 ta' Mejju 1845 u għadda għal ħajja oħra fl-4 ta' Novembru 1924. Fauré kien wieħed mill-aqwa kompożituri tas-seklu dsatax tant li l-istil mużikali tiegħu influwenza ħafna kompożituri oħra li ġew warajh, l-aktar fis-seklu għoxrin. Fost ix-xogħlijiet ċelebri tiegħu insibu '*Pavane*', '*Requiem*' (li għadha tindaqq fiċ-ċelebrazzjoni tal-funerali), '*noctures*' għall-pjanu u l-kanzunetti '*Après un rêve*' u '*Clair de lune*'. Għalkemm l-aktar xogħlijiet magħrufa u aċċessibbli ta' Fauré huma l-aktar xogħlijiet bikrija tiegħu, dan il-kompożitur kiteb l-akbar u l-aqwa xogħlijiet tiegħu fis-snin ta' wara. Ħafna minn dawn il-kompożizzjonijiet huma miktuba bi stil ferm iktar diffiċli minn tal-ewwel. L-'*Ave Maria*' ta' Gabriel Fauré ġiet miktuba fl-1871 għal tliet vu'ijiet maskili bl-akkumpanjament tal-orgni u kienet ippubblikata għall-ewwel darba fl-1957.

Il-kompożitur ċelebri **Franz Listz** kiteb '*Ave Maria*' fuq l-istil romantiku. Din il-kompożizzjoni nkitbet fl-1862 u ġiet ippubblika għall-ewwel darba sena wara, jiġifieri fl-1863. Din l-'*Ave Maria*' hija miktuba għall-pjanu. Liszt kiteb ukoll varjazzjoni interessanti fuq l-'*Ave Maria*' ta' Arcadelt li diġà semmejnieha fl-artiklu preċedenti. Listz kien iddedika dan ix-xogħol lil Alexander Wilhelm Gottschalg (1827-1908).

Il-kompożitur **Tómas Luis de Victoria** kiteb żewġ arranġamenti ta' 'Ave Maria', waħda għal erba' vuċijiet u oħra għal tmien vuċijiet. Fl-1885, **Gaetano Coronaro** kiteb '*Ave Maria*' għal vuċi solista bl-akkumpanjament tal-pjanu filwaqt li l-kompożitur popolari **Luigi Bottazzo** għandu wkoll '*Ave Maria*' miktuba għal Kor b'erba' vuċijiet (SATB) *a cappella*, jiġifieri mingħajr akkumpanjament ta' strumenti mużikali. Il-kompożitur **Michele Zanoni** għandu Ave Maria miktuba fuq l-istil klassiku għal Kor b'erba' vuċijiet (SATB) *a cappella*.

Għandna wkoll numru sabiħ ta' kompożizzjonijiet kontemporanji u moderni li sabu l-ispirazzjoni tagħhom fil-kliem sabiħ tal-innu Marjan '*Ave Maria*'. Il-kompożitur kontemporanju **Adrian Antonio Cuello Piraquibis** kiteb arranġament modern tal-'*Ave Maria*' għal żewġ vuċijiet – sopran u baritonu. Fis-sena 2006, il-kompożitur modern **Stephen McManus** kiteb '*Ave Maria*' għal Kor b'erba' vuċijiet (SATB) bl-akkumpanjament tal-orgni. F'Diċembru 2009, **Frank Zintl** kiteb 'Ave Maria' għal Kor b'erba' vuċijiet (SATB) bl-akkumpanjament tal-orgni. Din il-kompożizzjoni ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fis-sena 2010 u kienet iddedikata lil waħda mill-ħbieb ta' Zintl, Monika Lang. '*Ave Maria*' oħra hija tal-kompożitur **Angel Viro**, miktuba għal tenur u Kor b'erba' vuċijiet (SATB) bl-akkumpanjament tal-orgni.

Fl-artiklu li jmiss, ser nagħtu ħarsa lejn l-aħħar sett ta' kompożizzjonijiet fuq l-'*Ave Maria*'. Dan in-numru sabiħ ta' xogħlijiet mużikali ibbażati fuq it-test tal-'*Ave Maria*' jixhed il-popolarità kbira li gawda u għadu jgawdi dan l-innu Marjan, mhux biss mill-insara devoti tal-Verġni Marija iżda anke minn diversi kompożituri mal-medda tas-snin.◆

**Riferenzi:**
*Santucci,* La Madonna nella Musica
*Catholic Encyclopedia*, Hail Mary




# Ħsibijiet tal-Papiet dwar il-Maternità ta' Marija

mill-Arċ. Mons. Carmelo Mercieca



## Il-Papa Pawlu VI: "Marija hija *Theotokos*"

- Marija hija dik li ġiet magħżula biex tnissel lil Kristu f'din id-dinja u ssir **Omm Alla magħmul Bniedem** *(Diskors, 23-04-1965)*.
- Billi hi Omm l-Iben ta' Alla magħmul Bniedem, Marija hija t-***"Theotokos"***, jiġifieri Omm Alla *(Diskors, 02-02-1965)*.
- Il-Mulej ried jagħmel minn Marija l-**Bieb** minn fejn l-Iben ta' Alla daħal fid-dinja tagħna u fl-istorja tagħna *(Diskors, 11-10-1963)*.
- Irridu ngħidu ma' Sant'Efrem, il-poeta Marjan tas-seklu erbgħa mill-Orjent: *"Imbierka int, o Marija, li fik għammar l-Ispirtu s-Santu. Imbierka int li kien jistħoqqlok tilqa' t-tislima tal-Missier permezz tal-anġlu Gabrijel. Imbierka int li 'ġarrejt' lil Kristu, li rfajtu f'ħoġrok u ħaddantu f'dirgħajk*" (Innu 16) *(Diskors, 13-12-1964)*.

## Il-Papa Ġwanni Pawlu II: *"Il-Verġni Marija hi Pont bejn Alla u l-Bniedem"*



- Filwaqt li nirrepetu dawn il-kelmiet, mal-Knisja kollha, aħna nistqarru li l-Verġni saret **Omm Alla** għax nisslet u tat ġisem lill-Iben li kien il-Verb ta' Alla.
- Jekk wieħed jibda jaħseb, tiġih f'moħħu l mistoqsija: Għaliex il-Verb ipprefera jitwieled minn mara, flok ma jinżel mis-Sema bil-ġisem ta' adult? It-tweġiba hija din: Kristu ried ikun verament wild tal-istess nisel tal-bnedmin li Hu ġie biex isalva. Kristu ried jifdi lill-bniedem mhux bħala wieħed barrani, iżda **bħala ħuh**, bħalu f'kollox, minbarra fid-dnub.

- Għalhekk ried **Omm** u sabha f'**Marija**. Il-missjoni fundamentali tat-Tfajla ta' Nazareth hija din: **li tkun pont li jgħaqqad il-Feddej mal-ġens tal-bnedmin** *(Omelija f'Efesu, 30-11-1979).*



## Il-Papa Benedittu XVI: *"Il-Verġni Marija hi t-Tinda tal-Mulej"*

- Tassew, Marija, l-Omm ta' Ġesù, tgħallimna xi jfisser tidħol f'komunjoni ma' Ġesù. Marija offriet ġisimha u demmha stess lil Ġesù u saret "*it-tinda*" ħajja tal-Verb Inkarnat *(Omelija, 26-05-2005).*
- Fil-Bibbja nsibu "*it-Tinda tal-Laqgħa*", fejn kien hemm il-preżenza ta' Alla. Għalhekk il-Papa jsejjaħ lill-Verġni Mbierka "*it-tinda*", jiġifieri "*it-tabernaklu ħaj*" tal-Iben ta' Alla.
- Kien mument kbir ta' stagħġib għal Marija meta l-Anġlu Gabrijel daħal f'darha u qalilha li l-Feddej ried jieħu ġisem "*Fiha*" u "*Minnha*" u ried jiġi "*fid-dinja*" permezz tagħha.
- Marija, b'att ta' fidi u ubbidjenza, tgħid "*Iva*", "*Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej*". U hekk Marija saret:
  - l għamara ta' Alla,
  - il-Veru Tempju tiegħu,
  - il-Bieb li permezz tiegħu l-Mulej daħal fid-dinja *(Omelija, 26-11-2005).*

*Theotokos*

- Fl-Ittra lill-Galatin, San Pawl jistqarr: "*Alla bagħat lil Ibnu imwieled minn mara*" (Gal 4, 4). Dwar dan Origene jikkummenta: "*Osserva sew kif San Pawl ma qalx "**permezz**" ta' Marija iżda "**minn**" Marija.*" Din l-osservazzjoni hija fina ħafna u hija importanti. Infatti kieku l-Iben t'Alla twieled biss permezz ta' mara, ma kienx ikun ħa n-natura tagħna. Iżda fil-fatt, Kristu ha n-natura tagħna meta "***ħa l-ġisem minn Marija Verġni***".

Kristu hu minn Alla u minn Marija. Għalhekk l-Omm ta' Ġesù tista' u għandha tissejjaħ ***"Theotokos"*** (kelma Griga) li tfisser **OMM ALLA** *(Omelija, 31-12-2006).*♦



# U l-Glorja t'Alla iddiet fuqhom!

## *Ħa tiddi fuqek u fuq il-familja tiegħek l-Imħabba u l-Paċi tal-Mulej Ġesù*

# Il-Milied it-Tajjeb

*English Corner*



# Mary's Faith in the Incarnation

Rev. Emanuel Magro

***"... Joseph too went up from Galilee from the town of Nazareth to Judea, to the city of David that is called Bethlehem, because he was of the house and family of David, to be enrolled with Mary, his betrothed, who was with child. While they were there, the time came for her to have her child, and she gave birth to her firstborn son. She wrapped him in swaddling clothes and laid him in a manger, because there was no room for them in the inn.***

***" ... [the shepherds] went in haste and found Mary and Joseph, and the infant lying in the manger. When they saw this, they made known the message that had been told them about this child. All who heard it were amazed by what had been told them by the shepherds. And Mary kept all these things, reflecting on them in her heart"*** (Lk 2:4-7, 16-19).

Nine months have now passed since she experienced the frightening yet reassuringly peaceful and grace-filled encounter with God's messenger, Gabriel. God announced to her God's decision to send God's Son to be the Messiah and Saviour of creation and invited her to be part of God's enterprise. Even though perplexed, she accepted God's invitation to become the mother of Jesus. She placed her trust in God. She believed: "May it be done to me according to your word" (Lk. 1:38). She believed the word of the angel. She believed the Word of God.

Mary believed in the incarnation. God's love is to take human form; truly and verily becoming human. She is the one chosen by God to give the Son of God the human nature, so necessary for God's plan of salvation. God, who created humanity, cannot assume human nature without the aid of a woman! Her own religious tradition did not prepare her for this role. Like the Jewish people she believed in one God, Almighty, Lord of History, fully transcendent and at the same time present in the world, especially through God's word and actions. It was unheard of that God will one day become human.

Her initial faith took her away from home; at first to a place she was familiar with. She went to visit and eventually, stay with her cousin, Elizabeth. Like her, Elizabeth was carrying a child, now in her sixth month while she at the beginning of her pregnancy. Is it wise to travel at this time and help an elderly cousin delivering a baby? Is this not the immediate effect of God's word announced to her? The God, in whom she believed, always acts in similar way. When God speaks, things happen. God has spoken to her and God's word in her propels her to take action.

If her belief in the incarnation that taken her to a familiar place during her first trimester of her pregnancy, in the final weeks of her last trimester, her faith in the incarnation took her to a place foreign to her. She had to leave her town of Nazareth in Galilee and travel to "the city of David that is called Bethlehem" in Judea. The only link with this highly important city is her husband's lineage. Her beloved Joseph is "of the house and family of David" (Lk 2:4).

Was she so stupid to set on an arduous journey from the North of the country to a place in the South in spite of her advanced pregnancy? Is this madness or another act of faith in response to God's invitation to become the Mother of God? Why should the census ordered by Caesar Augustus occur while she is still carrying God's Son in her womb? Could not the Almighty, the Lord of History, arrange that she first delivers her baby in the safe environment of a normal home surrounded by family and friends and then let the powerful emperor proclaim his census? Or is this God's normal way of acting through world history? Does God know what is going on in her life, that she is heavily pregnant with God's own Son? Or is God calling her once again to trust in God and let her own pregnancy and her child's delivery in God's hands?

Her journey to Bethlehem indicates that Mary kept her word to the angel. She believed once again in the incarnation: the pregnancy will end well and the baby will be delivered safely. So God has spoken, indirectly, through the angel.

Now came the moment to see God's face for the first time; the moment of giving birth to the child she carried in her womb. Yet this event demands a renewal of her original act of faith in the incarnation. Could God have not found an ideal place for her to deliver God's own Son? No place at the inn, eh! The only place to put her new born baby is a manger! Is this God's own understanding of hygiene? Who is that mother who wants to risk so much? Or is God telling her that her Son will be the "Bread of Life" and thus his proper place is a manger? Is this God's irrational logic? These odd circumstances and strange environment invites her once again to trust in God. She believed again in the Word of God made flesh. And more than that!

She can now see the face of God for the first time. While her ancestors, Moses and Elijah, have experienced God and seen God from the back, she now can look into the eyes of God. She can touch the nose and the lips of God. She can caress the cheeks of God. She can now uphold God in her hands and embrace God in her arms. She can behold God made flesh.

Mary's belief in the incarnation led her to see God face to face.



# mid-dinja marjana

miġbura minn Dun Geoffrey G. Attard

## aħbarijiet

### Xbieha allegata tal-Verġni Marija fuq panella fi knisja fil-Malasja

Nhar it-Tlieta 20 ta' Novembru 2012, lejlet it-tifkira liturġika tal-Preżentazzjoni tal-Verġni Mbierka, fi sptar fi Kuala Lumpur fil-Malasja, tneħħet minn posta panella ta' tieqa tal-ħġieġ li jingħad li fuqha dehret xbieha tal-Verġni Marija. Il-panella tal-ħġieġ inqalgħet mill-isptar ta' Subang Jaya u ngħatat lill-awtoritajiet tal-Knisja. '*Waħda mill-panelli kellha fuqha xi marki li kien hemm min qed jinterpretahom bħala xbieha tal-Verġni Marija u xi wħud qalu li jixbhu pitturi artistiċi stabiliti tal-Madonna*' stqarr membru tas-Sime Darby Group fi stqarrija li ħarġet fl-20 ta' Novembru. It-Tlieta ta' qabel, l-awtoritajiet tal-isptar qablu bejniethom li għandhom jgħaddu dawn iż-żewġ ħġiġiet lill-Knisja Kattolika; dan l-aktar minħabba li l-panelli kienu qed jattiraw mijiet ta' Kattoliċi u nies oħra kurjużi. Ix-xnieha ġriet li l-Verġni Marija kienet qed tidher fl-isptar. Kien hemm min ħaseb li l-ħġieġ għandu jittieħed fil-Knisja tal-Madonna ta' Lourdes fi Klang. Membri tal-grupp qalu li l-ħġieġ tneħħa minn postu minn idejn professjonali u l-ħidma bdiet fl-10.00 u ntemmet fil-11.35 am. Diversi parruċċani tal-knisja Kattolika ta' Subang Jaya kienu preżenti fl-isptar waqt l-operazzjoni. Artiklu dwar dan il-każ deher ukoll fil-ġurnal *The Malaysian Insider*. Il-kappillan tal-knisja ta' Klang li irċieva l-panelli, Fr. Michael Chua, stqarr li l-ħġieġ se jkun jista' jitgawda mill-pubbliku li jżur il-knisja ta' Lourdes bejn is-7.00 am u l-10.00 pm. Il-Knisja Kattolika fil-post stqarret li se tibqa' żżomm fil-kustodja tagħha dawn il-ħġieġiet sakemm jitqegħdu għal analiżi xjentifika u jkunu verifikati mit-teologi u l-awtoritajiet kompetenti. Dan il-proċess mistenni jieħdu ħafna żmien.

### Xbieha tal-Verġni Marija ssalva dar fi New Jersey

Hekk kif maltempata mhux mistennija ħakmet komunita' fi New Jersey, qerdet siġar u kissret mijiet ta' djar u karozza, familja partikulari ħarġet tistqarr fil-pubbliku li statwa tal-Madonna fil-qrib salvat id-dar tagħhom u x'aktarx ukoll ħajjithom. Meta l-maltempata ħakmet il-post, għamlet ħsara kbir u kien hemm għargħar fit-toroq. Imma James Janone, ir-residenti ta' din id-dar stqarr li qrib siġra partikulari maġenb id-dar tagħhom hemm statwa tal-Madonna li hu jgħid li salvat il-familja tiegħu u lil daru. Kuntrattur tal-elettriku li tkellem dwar il-każ qal: '*Hija xi ħaġa tal-għaġeb kif dik is-siġra suppost li kellha taqa' bħalma waqgħu l-oħrajn kollha imma waqgħet fid-direzzjoni tal-lemin u ma għamlet ebda ħsara lix-xbieha tal-Verġni Marija*'. Is-sigra waqgħet madwar l-istatwa

mingħajr ma messitha. Ħafna huma tal-fehma li dan jista' jkun miraklu. Wieħed mill-ġirien, Ed Soto, li kien poġġa l-istatwa fil-pożizzjoni preżenti tagħha madwar ħames snin ilu, stqarr li r-raġuni għalfejn għamilha kien sabiex jgħin lil wieħed mill-ġirien li kelllha problema akuta tad-droga. Xi ġirien oħrajn kienu xettiċi dwar iċ-ċirkustanza u qalu li din kienet kumbinazzjoni għalkemm ferħu li ħadd ma weġġa'.

## Seminarju jissemma għall-Madonna

Il-moviment Neo-Katekumenali, imwaqqaf erbgħin sena ilu minn Kiko Arguello u Carmen Hernandez jinsab mifrux mad-dinja kollha Kattolika u jinsab fost l-oħrajn f'Cape Town, fejn l-Arċisqof Sud Afrikan Stephen Breslin, imħeġġeġ mill-ispirtu tal-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida li tkellem ħafna dwarha dan l-aħħar il-Papa Benedittu anke b'rabta mas-Sena tal-Fidi, iddeċieda li jwaqqaf seminarju ġdid tal-moviment. Din ir-realtà ekkleżjastika b'għeruq Spanjola imma li llum tgawdi *footing* internazzjonali, ilha issa għal bosta snin tgħin finanzjarjament u b'diversi modi oħra seminarju li jġibu l-isem tal-Verġni Mbierka taħt it-titlu ta' *Redemptoris Mater* li huwa wkoll l-isem ta' waħda mill-enċikliċi Marjani ta' Ġwanni Pawlu II. Skont kommunikat tal-Arċisqof ta' Cape Town fl-Afrika ta' Isfel, '*dawn is-seminarji internazzjonali m'humiex seminarji li jappartjenu lin-Neokatekumenat ladarba 'il-Mixja' (l-isem l-ieħor tal-moviment) m'hijiex ordni reliġjuż u lanqas għandha kleru li hu tagħha. Is-seminarji Mater Redemptoris huma seminarji djoċesani fis-sens sħiħ tat-terminu imma li s-seminaristi tagħhom sab l-vokazzjoni frott il-mixja*'. Għalhekk is-seminarji l-ġodda jissejħu '*internazzjonali*' u '*missjunarji*' għaliex il-vokazzjonijiet tagħhom jiġu minn madwar id-dinja kollha. Din is-sena biss (2012) twaqqfu għaxar seminarji *Mater Redemptoris* fid-dinja kollha u b'hekk issa n-numru globali huwa ta' 95. L-Arċisqof Stephen Breslin kien Ruma dan l-aħħar sabiex jiffirma d-digriet li bih twaqqaf dan l-aħħar seminarju fid-djoċesi tiegħu. L-istatuti tas-seminarji kienu ffirmati waqt ċelebrazzjoni ewkaristika preseduta mill-arċisqof u l-vigarju ġenerali tiegħu fil-grotta tal-Bażilika ta' San Pietru, fil-Kappella Litwanjana, f'riġlejn ix-xbieha tal-Madonna ta' Bieb iż-Żerniq, Omm il-Ħniena. ♦



## *Rigal xieraq lill-Madonna Ta' Pinu*



*Nirringrazzjaw lis-Sur Michael Curmi tax-xogħol sabiħ li għamel biex ħadem b'mod voluntarju l-Gwarniċa tal-Artal tal-Madonna Ta' Pinu fil-fidda. Fl-istess ħin nirringrazzjaw lill-Familja Rapa li ħallset l-ispiża tal-fidda. Iż-żewġ familji offrew dan ir-rigal lill-Madonna fil-festa ta' Santa Marija ta' din is-sena b'ringrazzjament lill-Madonna Ta' Pinu. Hekk issa l-artal tal-Madonna ħa sura aktar dinjituża peress li l-gwarniċa ta' qabel kienet tal-injam u kien fiha diversi partijiet miksura kif jidher fir-ritratti.*



## Poeżija

# Adoramus Dominum

## Milied 2012

mill-Kav. Joe M. Attard

Ejjew, ħbieb, illum nifirħu
għaliex twieled il-Bambin:
ġie fil-bard, fil-kesħa, fl-għera
sabiex jifdi l-midinbin.

Għajnejh fetaħ ġo għar ċkejken
għan-nifs sħun ta' baqra w ħmar –
kienet grotta xxurtjata
b'dak il-għaġeb illi sar!

Id-dlam kien taqtgħu b'sikkina,
il-ħlejjaq kollha reqdin;
biss ir-rgħajja kienu għassa
f'dawk l-iljieli xitwijin.

Ħin bla waqt is-sema ddawwal,
l-anġli dehru ferħanin
ikantaw, il-bxara jwasslu
lil dawk ta' rieda twajbin!

In-nies ta' das-seklu tagħna
kif qed jilqgħu l-Milied?
Qed imorru għan-Novena,
jieħdu sehem fil-Quddisiet?

Qegħdin jibnu l-Presepju
fit-tokk, fiċ-ċentru tad-dar?
Jimpustaw il-kartolini
b'xi Bambin u anġli żgħar?

Jew qegħdin jintilfu jiġru
sabiex jixtru r-rigali;
iżejnu w jarmaw lil djarhom
b'siġar, karti u fanali!

Ejjew, ħbieb, ninxteħtu umli
naduraw din it Tarbija
illi twieldet ġewwa Betlem
bl-anġli jkantaw mija mija...

*"Gloria in excelsis Deo"*
lil tad-dinja l-bnedmin:
jalla din il-paċi ssaltan
għal kemm għad itulu s-snin.

O Ġesù ħelwa tarbija,
ejja twieled ġewwa fija:
għalik għandi kutra ifjen
minn ta' ommok il-fisqija!

L-isbaħ kamra jien ħejjejtlek
sabiex tiġi tgħammar magħna;
marti, jiena u wliedi
irriduk li tindukrana.

Itfa' ħarstek fuq gżiritna,
għaliex din għandha x'tambik;
dina tħobbok, għalkemm nibża'
kultant xi kedda tagħtik.

Dal-Milied, o Ġesù ħelu,
għal mument ħalli s-Smewwiet,
ejja isma' lit-tfal tagħna
jkantawlek il-għanjiet.

Ejja ggosta sabi ċkejken
jinseġ erba' kelmiet sbieħ
dwar il-ġrajja ta' twelidek
u li n-nies tkun tistennieh.

Iva, Ġesù, ibqa' dieħel
ġewwa d-djar tagħna lkoll,
u fejn jgħixu xi qlub iebsa
malajr lilhom qis li tħoll!

Sabiex hekk Milied ikollna
mżewwaq b'għodwiet ħenjin;
b'hekk qalbna tkun tista' tilqgħek
bl-akbar ferħ, Ġesù Bambin!

# Servizz ta' *Counselling* għall-familja



**minn Dun Joseph Farrugia**

Meta wieħed jieqaf janalizza s-soċjetà Maltija fl-ewwel tnax-il sena tas-seklu wieħed u għoxrin, jista' josserva bidliet kbar li ġraw fostna, fosthom aktar ugwaljanza bejn is-sessi, żieda konsiderevoli ta' nisa miżżewġa li jkomplu jaħdmu, rivoluzzjoni fid-dinja tal-informatika u l-aċċess faċli għad-dinja tal-internet, is-sħubija fl-Unjoni Ewropea, u l-possibbiltà ta' esperjenzi varji fl-kontinent Ewropew. F'dawn l-aħħar sentejn rajna bidla oħra kbira li seħħet fil-familja Maltija: l-introduzzjoni tal-liġi tad-divorzju. Dan mhux il-post li niddiskutu dan it-tema, iżda jinteressana nosservaw kif il-bidliet fis-soċjetà Maltija qegħdin jaffettwaw il-familja tagħna.

Sa ftit snin ilu diversi studji kienu qegħdin juru li b'mod ġenerali l-membri tal-famlija Maltija, meta mqabbla ma' familji ta' pajjiżi oħra, kienu sodisfatti bir-relazzjonijiet ta' bejniethom (ara Angela Abela, *Relationship education for families in transition between different cultural value systems: A Maltese perspective*, f'H. Benson–S. Callan (Eds.), *What works in relationship education: Lessons from academics and service deliverers in the United States and Europe,* 2009, pp. 149-160). Madankollu, l-introduzzjoni tal-liġi tad-divorzju qed turi li hemm żieda sostanzjali ta' persuni li mhumiex kuntenti bir-relazzjoni familjari tagħhom. Għalhekk wieħed jeħtieġ li jistaqsi x'inhi r-raġuni ta' dan in-nuqqas ta' sodisfazzjon. Fil-qosor se nħarsu lejn żewġ għejun li qed iwasslu għal dan.

L-ewwel għajn hija d-dinamika tal-famlija stess. Kull familja hija magħmula minn persuni bil-personalitajiet distinti tagħhom. Il-fatt li l-membri tal-famlija jridu jgħixu flimkien awtomatikament inissel tensjoni naturali li għandhom jgħixuha b'mod tajjeb. Dan jitlob kapaċità kbira ta' komunikazzjoni profonda fil-familja, li sfortunatament mhux dejjem qed tintlaħaq mill-membri fi ħdan il-famlija. Barra dan, l-indħil mill-familji rispettivi jista' jkompli jiggrava l-ħajja tal-familja. Spiss it-twelid tal-ulied huwa sors ieħor ta' stress kbir, li spiss jittrasforma ruħu f'kunflitti bejn il-koppja, b'effetti negattivi fuq ir-relazzjoni affettiva tagħhom.

Għejun oħra ta' kunflitti familjari jiġu mill-ambjent li fih tgħix il-familja. Fi kliem ieħor, l-istess realtà soċjali li qegħdin ngħixu fiha tiġġenera ħafna tensjonijiet. B'mod

partikulari, il-kundizzjoni ekonomika tal-familja saret waħda aktar esiġenti li titlob b'insistenza li r-raġel u l-mara jaħdmu t-tnejn b'ħinijiet twal biex jistgħu jlaħħqu mal-ħtiġijiet tal-famlija. Fl-istess waqt, il-ħtiġijiet tat-tfal kulma jmur qed ikomplu jiżdiedu u bħala effett jiġġeneraw aktar piżijiet ekonomiċi, u mhux b'inqas, tensjoni psikoloġika. Barra minn hekk, kulma jmur qiegħda dejjem tikber il-problema tal-infertilità fost il-koppji, b'ħafna drabi l-kawża prinċipali tkun l-istil ta' ħajja mgħaġġla u l-istress enormi fuq il-koppja. Dan kollu jgħolli l-livell ta' tensjoni bejn il-koppja, bil-possibbiltà li tinħoloq sitwazzjoni bla kontroll b'effetti negattivi fuq ir-relazzjoni familjari.

Dan kollu jirrendi l-famlija fis-soċjetà tal-lum vulnerabbli, suġġetta għal ħafna stress u kunflitti li l-istess membri tal-famlija spiss mhumiex imħejjija għalihom u b'konsegwenzi negattivi għal kull membru tal-famlija.

Propju minħabba dawn iċ-ċirkustanzi, il-Knisja f'Għawdex ħasset il-bżonn li tassisti lill-familji li jinsabu għaddejja minn mumenti diffiċli u toffrilhom għajnuna professjonali biex jagħrfu jaffrontaw id-diffikultajiet li jkunu għaddejjin minnhom. Għalhekk fl-14 ta' Mejju li għadda ġie inawgurat ċentru ta' *counselling* fi ħdan is-Santwarju Ta' Pinu bl-għan li tingħata għajnuna, kemm lill-individwi u kemm lill-koppji u l-familji, biex jaffrontaw id-diffikultajiet tagħhom u jiskopru s-sbuħija tal-imħabba fir-relazzjonijiet tagħhom.

Iċ ċentru ta' *counselling* se jkun qed joffri diversi servizzi marbuta mal-ħtiġijiet tal-famlija. Fost l-oħrajn se jkun qed joffri għajnuna lill-koppji b'diffikultà fir-relazzjoni ta' bejniethom, għajnuna lill-ġenituri fit-trobbija tal-ulied u fir-relazzjoni magħhom, għajnuna lill-koppji miżżewġa bi problema ta' infertilità ta' oriġni psiko-sesswali, u għajnuna lill-individwi li l-kundizzjoni psikoloġika tagħhom taffettwahom fil-ħajja familjari u soċjali.




Fl-istess ħin, hija xewqa tagħna li fil-futur inżidu servizzi oħra biex insaħħu aktar il-familji tagħna.

Dan is-servizz se jiġi mogħti minn persuni li huma ppreparati sewwa fil-qasam tal-*counselling*. Fl-istess ħin nemmnu li dan huwa xogħol delikat ħafna, u għalhekk ittieħdu l-miżuri kollha biex niżguraw il-kunfidenzjalità ta' kull min jixtieq jirċievi dan is-servizz. Minħabba n-natura professjonali tal-*counselling* li qed jingħata, dan is-servizz qed jiġi offrut għal ħlas minimu li jkun jista' jħallas kulħadd.

Min jixtieq jirċievi dan is-servizz ta' *counselling*, jista' jċempel fuq dawn in-numri: 21553492 jew 79553492. Wieħed jista' jibgħat email lil info.konsultorju@gmail.com biex jikseb aktar informazzjoni dwar is-servizzi. Wieħed jista' wkoll jikseb tagħrif dwar dawn is-servizzi mill-uffiċċji parrokkjali.

Il-proġett ta' dan iċ-ċentru ta' *counselling* għall-familja juri x-xewqa tal-Knisja li tassisti lill-familja fil-ħtiġijiet kollha tagħha. Aħna nemmnu li l-famlija magħquda fl-imħabba hija l-post fejn jitrawmu tfal b'saħħithom fiżikament, psikoloġikament u spiritwalment. Fl-istess ħin nafu li hija x-xewqa ta' kulħadd li meta jiżżewweġ, iż-żwieġ ma jfallix iżda jkun esperjenza sabiħa ta' mħabba vera. Aħna nixtiequ li din ix-xewqa ta' kull koppja ssir realtà! Barra minn hekk, dan kollu jwassal għal soċjetà aktar b'saħħitha. ♦

# Mill-Ħajja tas-Santwarju



miġbura minn
**Ivan Attard**

## LULJU 2012

**Is-Sibt, 7:** Il-Kan. Emanuel Saliba mexxa Quddiesa għall-membri tal-Fergħa Ewkaristika fl-okkażjoni tal-Ewwel Sibt tax-xahar b'devozzjoni speċjali lejn il-Qalb bla Tebgħa ta' Marija.

**Il-Ħamis, 12:** Patri Claudio Borg OP mexxa Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tad-dsatax-il anniversarju mill-ordinazzjoni presbiterali tiegħu.

**It-Tlieta, 17:** Dun Anthony Paul Fitzpatrick mexxa Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu fl-okkażjoni tal-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu li saret nhar id-29 ta' Ġunju 2012, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

**L-Erbgħa, 18:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla u lill-Verġni Marija għad-don tas-saċerdozju ministerjali li ġie msawwab fuq Dun Roderick Camilleri u Dun Dilon Bugeja, minn idejn l-E.T. Mons. Arċisqof Pawlu Cremona, nhar id-29 ta' Ġunju 2012, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Fl-istess jum, Patri Claudio Borg OP iċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-anniversarju taż-Żwieġ tal-koppja Charlie u Myriam Psaila.

**It-Tnejn, 23:** Mons. Salv Pace (Nadur) mexxa Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tal-erbgħin anniversarju miż-Żwieġ tal-koppja Mike u Rose Pace, li sar fil-Kanada nhar il-5 ta' Awwissu 1972. Fl-istess ġurnata ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' Radd il-Ħajr għad-don tas-saċerdozju ta' Dun Mario u Dun Nicholas Dimech, mill-parroċċa tas-Siġġiewi. Dak in-nhar ukoll twaħħlu fil-Mużew tas-Santwarju tnax-il pittura li fuqhom inħadmu l-mużajċi li hemm fil-korsija tas-Santwarju. Dawn il-pitturi, xogħol

Ġużeppi Briffa, ġew irrestawrati minn Dun Charles Vella, b'finanzjament minn fondi tal-Unjoni Ewropea.

**Is-Sibt, 28:** Il-Kan. Emanuel Saliba mexxa Quddiesa li matulha Brian Portelli u Loretta Sultana ngħaqdu flimkien fi Kristu permezz tas-sagrament taż-Żwieġ.

***Pellegrinaġġi:***

**L-Erbgħa, 4:** Sar pellegrinaġġ mill-knisja ta' Marija Addolorata, li tinsab fil-limiti tal-parroċċa ta' San Gejtanu fil-Ħamrun, b'ringrazzjament lil Alla għall-protezzjoni ta' Ommu u Omm<br>na l-Verġni Marija matul ħajjitna kollha. Sar pellegrinaġġ ieħor mill-Grupp *Dixxipli Franġiskani ta' Ġesù u Marija*, b'Quddiesa ċċelebrata minn Patri Hayden Theuma OFMCAP. Fl-istess jum, is-Soċjetà Mużikali *Santa Marija* tal-Imqabba organizzat pellegrinaġġ lejn is-Santwarju fl-okkażjoni ta' waħda mill-Erbgħat devozzjonali bi tħejjija għas-solennità ta' Marija Assunta, Patruna tal-Imqabba.

**L-Erbgħa, 11:** Saret żjara lis-Santwarju minn grupp ta' tfal li jiffurmaw il-Kummissjoni Tfal fi ħdan il-parroċċa ta' Wied il-Għajn. Fl-istess ġurnata, sar pellegrinaġġ ieħor mill-parroċċa ta' San Nikola fis-Siġġiewi. Dun Joe Grech mexxa dan il-pellegrinaġġ parrokkjali għall-ewwel darba fl-ewwel sena tiegħu bħala Arċipriet ta' din il-parroċċa.

**Il-Ġimgħa, 13:** Saru pellegrinaġġi lejn is-Santwarju mill-komunità tax-Xgħajra, minn grupp ta' anzjani mid-Dar *Villa Messina* fir-Rabat ta' Malta, u mill-komunità tal-Baħrija fir-Rabat ta' Malta.

**It-Tlieta, 17:** Saru żjajjar lill-Madonna Ta' Pinu mill-komunità li tiffrekwenta l-knisja Ta' Ġieżu fir-Rabat ta' Malta, u minn grupp ta' erbgħin persuna li jiffrekwentaw iċ-Ċentru Laburista tal-Mellieħa.

**Is-Sibt, 21:** Sar pellegrinaġġ lejn is-Santwarju mill-grupp *The Mission Fund Malta.* Ġiet iċċelebrata Quddiesa għall-pellegrini minn Patri Marcellino Micallef OFM, direttur spiritwali tal-istess grupp.

**Il-Ħadd, 22:** Dun Simon Mario Cachia (Belt Victoria) mexxa Quddiesa fi tmiem pellegrinaġġ lejn is-Santwarju li sar minn grupp ta' żgħażagħ mill-parroċċa ta' Sant'Injazju ta' Antjokja, Ruma. Fl-istess ġurnata, saret żjara lill-Madonna Ta' Pinu mill-abbatini li jagħtu s-servizz tagħhom fil-knisja tal-Madonna tas-Silġ, Marsaxlokk, flimkien mal-familjari tagħhom.

**L-Erbgħa, 25:** Ġew organizzati numru ta' pellegrinaġġi lejn is-Santwarju mill-parroċċa ta' Santa Marija f'Ħad-Dingli, il-parroċċa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar, il-komunità tas-Sagra Familja f'Malta, u l-parroċċa tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem.

**Il-Ħamis, 26:** Festa ta' Sant'Anna u San Ġwakkin, ġenituri tal-Verġni Mqaddsa Marija. Saret żjara lill-Madonna Ta' Pinu minn grupp mill-parroċċa ta' Ħal Għaxaq. Mexxa l-Kappillan tal-istess parroċċa, Dun Mario Said.

**Is-Sibt, 28:** Ġew iċċelebrati Quddiesa u Rużarju milll-Kummissjoni Djoċesana Tfal flimkien ma' grupp minn Forlì, l-Italja, fl-okkażjoni ta' ġemellaġġ spiritwali bejn dawn iż-żewġ entitajiet.

**It-Tlieta, 31:** Sar pellegrinaġġ lejn is-Santwarju mill-parroċċa ta' Sant'Andrija, Ħal Luqa. Ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Dun Gordon Refalo.

## AWWISSU 2012

**L-Erbgħa, 1:** L-erbatax-il Erbgħa bi tħejjija għas-solennità tal-Assunzjoni tal-Verġni Marija. Fit-8.00pm saret Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, bis-sehem ta' diversi saċerdoti Għawdxin, fl-okkażjoni tat-tmien anniversarju mill-mewt tal-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard, min-Nadur, u bi tħejjija għall-ftuħ uffiċjali tal-proċess djoċesan tal-kawża tal-beatifikazzjoni tiegħu. Fil-bidu ta' din il-Quddiesa, inqara l-Editt ta' Mons. Isqof li bih huwa stieden għall-ġbir ta' dokumenti, informazzjoni u xhieda dwar dan il-Qaddej ta' Alla.



**It-Tnejn, 6:** Wara li s-sena l-oħra tlesta r-restawr tas-sittax-il tieqa tal-i*stained glass* li jżejnu l-koppla tas-Santwarju Ta' Pinu, beda r-restawr fuq it-tieqa prinċipali li tinsab fil-faċċata tal-istess santwarju, mibni fl-istil Neo-Romantiku fis-seklu għoxrin. Din it-tieqa, jew rużun, li wkoll hija maħduma fl-i*stained glass*, hija magħmula minn tmien partijiet ta' madwar metru kull waħda u li huma maħduma minn tmenin biċċa tal-ħġieġ. Dan ir-restawr qed isir mis-Sur Joe Meilaq, li diġà kien ġie fdat bir-restawr tat-twieqi tal-koppla. Biex il-pubbliku jkun aktar infurmat, nhar il-Ħadd 12 ta' Awwissu 2012 seta' josserva b'għajnejh ix-xogħol li qed isir u jitkellem anki mar-restawratur innifsu li min-naħa tiegħu fisser lil dawk interessati x'jinvolvi l-proċess tax-xogħol li qed jagħmel. Żaret ukoll ix-xogħol tar-restawr il-Ministru għal Għawdex l-Onorevoli Giovanna Debono. Ta' min ifakkar li dan ir-restawr qed isir grazzi għal proġett konġunt bejn il-Ministeru għal Għawdex u s-Santwarju Ta' Pinu. Din hija l-ewwel darba li qed isir xogħol ta' restawr fuq dawn it-twieqi tal-i*stained glass*, opri tal-arti li wħud minnhom jgħoddu madwar tmenin sena. Hekk kif jitlesta dan ir-restawr, l-amministrazzjoni tas-Santwarju qed taħseb biex tkompli bir-restawr tat-twieqi kollha tal-i*stained glass* li jżejnu dan is-santwarju.



**Il-Ġimgħa, 10:** Ġie amministrat is-sagrament tal-Magħmudija lit-tarbija Miah. Il-Kan. Karm Curmi mexxa l-Quddiesa bl-amministrazzjoni ta' dan is-sagrament tal-bidu tal-ħajja Nisranija.

**It-Tnejn, 13:** Dun Franz Refalo mexxa Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu, fl-okkażjoni tas-sittin anniversarju miż-Żwieġ tal-ġenituri tiegħu, Vincent u Rosemary Refalo.

**It-Tlieta, 14:** Għal sena oħra konsekuttiva, inżammet il-Velja Djoċesana ta' Talb lejlet is-solennità liturġika tal-Assunzjoni tal-Verġni Marija. Iċ-ċelebrazzjoni bdiet b'purċissjoni qasira bil-kwadru-replika tal-Madonna Ta' Pinu fuq iz-zuntier tas-Santwarju, segwita mit-talba tas-Salmi tal-Knisja Orjentali marbuta ma' din il-festa Marjana. Iċ-ċelebrazzjoni ntemmet b'Konċelebrazzjoni Solenni tal-Vġili mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, bis-sehem ta' diversi saċerdoti Għawdxin. Ħadu sehem numru kbir ta' pellegrini li użaw it-trasport ipprovdut minn *Radju Marija* għal din







l-okkażjoni. Il-kant waqt din il-velja tmexxa minn kor djoċesan immexxi mis-Sinjorina Dorienne Portelli u akkumpanjat fuq l-orgni mill-organista Ivan Attard. Wara l-velja, sar lejl ta' adorazzjoni Ewkaristika solenni fis-Santwarju.



**L-Erbgħa, 15:** Solennità tal-Assunzjoni tal-Verġni Marija, titular tas-Santwarju. Fit-8.00am saret it-talba tal-Uffiċċju tal-Qari u l-kant tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum immexxi mill-W.R. Mons. Joseph Sultana, Arċipriet tal-parroċċa tal-Għarb, bis-sehem tal-W.R. Kapitlu u Kleru tal-istess Kolleġġjata. Fit-8.30am saret Quddiesa Kantata mmexxija mill-Kan. Mikiel Galea, li kienet imxandra fuq *Radju RTK*. Fl-4.15pm sar il-kant tat-Tieni Għasar tas-solennità, li tmexxa mill-W.R. Kapitlu u Kleru tal-Bażilika u Kolleġġjata tal-Għarb. Fis-6.00pm saret it-talba tar-Rużarju fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu u wara ngħatat il-Barka Sagramentali.

**Is-Sibt, 25:** Il-Kan. Karm Curmi mexxa Quddiesa ta' Radd il-Ħajr għall-fejqan ta' żagħżugħ mill-marda tal-kanċer. Fl-istess jum, Dun René Cilia mexxa Quddiesa li fiha huwa amministra s-sagrament tal-Magħmudija lil Matthias Mifsud. ***(Nota tal-awtur**: Waqt li kienet qed tinkiteb din il-kronaka, fil-knisja arċipretali ta' San Ġorġ Martri, Ħal Qormi, kien qed isir il-funeral ta' Dun René Cilia, saċerdot ta' 27 sena, li miet traġikament f'inċident fatali tat-traffiku nhar il-Ħadd 4 ta' Novembru 2012, waqt li kien sejjer jiċċelebra l-Quddiesa tas-7.00pm fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun. Dun René ġie kkonsagrat saċerdot minn idejn l-E.T. Mons. Arċisqof Pawlu Cremona f'Lulju 2011. Il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem).* Saret żjara wkoll lill-Madonna Ta' Pinu minn Dun Alex Cordina u Dun Eric Overend, Arċipriet taż-Żejtun, li matulha saret Quddiesa fejn tpoġġew taħt il-ħarsien tal-Madonna l-vokazzjonijiet, il-propedewtiċi, is-seminaristi u l-parroċċi ta' Malta.

**Il-Ħadd, 26:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' Radd il-Ħajr f'għeluq il-ħamsa u għoxrin anniversarju miż-Żwieġ tal-koppja Salvina u George Micallef.

**Il-Ħamis, 30:** Ġie amministrat is-sagrament tal-Magħmudija lit-tarbija Annah Apap waqt Quddiesa ċċelebrata fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu u mmexxija mill-Arċipriet tal-parroċċa tal-Għarb, Mons. Joseph Sultana.

***Pellegrinaġġi:***

**L-Erbgħa, 1:** Saru pellegrinaġġ u Quddiesa mill-parroċċa ta' Santa Venera.

**Il-Ġimgħa, 3:** Sar pellegrinaġġ lejn is-Santwarju minn numru kbir ta' membri tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (*Museum*) imxerrda f'diversi pajjiżi madwar id-dinja, fosthom il-Kenja, il-Perù, l-Albanija u l-Ingilterra. Ġiet iċċelebrata Quddiesa fis-Santwarju minn Dun Manwel Magro, delegat tal-Isqof għar-residenti barranin.

**Is-Sibt, 4:** Sar pellegrinaġġ mill-Kavallieri u d-Dami tal-Ordni tal-Qabar ta' Kristu. Ġiet iċċelebrata Quddiesa fis-Santwarju mill-Kan. John Muscat (Ta' Sannat).

**Il-Ħadd, 5:** Saret żjara lill-Madonna Ta' Pinu minn grupp ta' Ingliżi li kienu f'Għawdex għall-btala tagħhom tas-Sajf.

(Ikompli f'paġna 33)

# Conservation Report (6): Queen of Peace - Part 2

Project Director: Sac. Charles Vella
Conservator Restorers: Sac. Charles Vella and Joanna Micallef

## Conservation Treatment

- The painting was placed face down on a working table.
- The craft paper which was glued to the back of the painting had to be removed otherwise it wouldn't have been possible to flatter and align the irregularities of the painted surface. In most of the areas the craft paper was still very well attached to the back of the canvas support and could not be readily removed by peeling it off. The adhesive used during the previous treatment was found to be insoluble in water. Scientific analyses have shown that the adhesive employed was PVA [See the attached Scientific Report]. The best way to remove the craft paper was by slightly wetting a small area of the paper with acetone, to soften the PVA adhesive, and then slowly removing the craft paper mechanically with the help of a scalpel (Fig. 1).

Once the paper was removed the canvas support was found to be extremely deteriorated and very fragile since it had lots of tears and losses. Much of the canvas was fragmented in small pieces which came loose once the craft paper was removed (Fig. 2).

- Working on a small area at a time the canvas weave and the shape of the various small fragments were matched and held in place with small pieces of archival tape, a paper tape with a reversible adhesive which is activated with slight humidity.
- The creases and deformations in the canvas support were removed, working on a small area at a time, using slight humidity, heat and pressure (Fig. 3). Creases in the support were flattened mechanically then a piece of slightly wetted blotting paper was placed on top followed by a piece of wood and weights. After two hours the humid blotting paper was removed and the area was ironed with a slightly warm iron. Then a piece of dry blotting paper followed by wood and weights were placed on the treated area. The treated area was left to dry.
